## 20 ta' Novembru, 1954

Imħallef:
Cav. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Ludgardo Ciantar**

### "Approved School" — Minuri — Apprendista — Art. 5 tal-Kap, 75

*Skond il-liġi, il-Qorti tista' tordna illi, fl-għeluq tal-kundanna tal-minorenni għad-detenzjoni fl-"Approred School", jew minflok dik id-detenzjoni, jew f'kull żmien waqt li dik id-detenzjoni tkun miexja, il-minorenni jiġi kundannat bħala apprendista f'sengħa jew mestier utili ma' persuna rispettabbli u ta' fiduċja, li tobbliga ruħha li tkun responsabbli għal dak il-minuri sakemm jagħlaq tmintax il-sena.*

*Imma din id-dispożizzjoni tal-liġi ma tistax tirċievi l-applikazzjoni tagħha jekk il-każ ikun tali li l-Qorti ma tistax tagħmel ebda affidament li sejjer ikun hemm persuna li sejra tidħol responsabbli għall-minorenni.*

*U l-kelma "apprendista" ma tistax ikollha l-interpretazzjoni ta' sempliċi tifel impjegat biex jattendi l-baqar (kif kien il-każ preżenti), bla ebda idea ta' "training" f'sengħa speċifika.*

Il-Qorti; — Rat ir-rinviju ta' l-Attorney General, li bih bagħat lura l-attijiet tal-kumpilazzjoni biex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tiddeċidi fuq il-ħtijiet li jistgħu jinstabu taħt dak li hemm maħsub fl-art. 274(b)(f), 276(a), 277(1), 279, 283, 291(1)(2), 22, 39, 32(1)(b)(xiii)(xii)(xi)(viii)(vii), tal-Kodiċi Kriminali, fl-art. 4 ta' l-Ordinanza II ta' l-1921 Kap.75, u fil-G.N. 337/1940, għar-rigward tas-serq bi ħsara ta' Wistin Agius; fl-art. 274(b)(f), 276(a), 277(1), 279, 283, 291(1)(2), 22, 39, 32(1)(b)(xiii)(xii)(xi)(viii)(vii) tal-Kodiċi Kriminali, fl-art. 4 ta' l-Ordinanza II ta' l-1921 Kap. 75, u fil-G.N. 337/1940, għar-rigward tas-serq bi ħsara ta' Vincent Inglott; u illi l-imsemmi Rikkardu sive Ludgardo Ciantar jiġi minn dik il-Qorti kundannat għad-delitt li tiegħu nstab ħati b'sentenza ta' dik l-istess Qorti tal-5 ta' April, 1954, u liberat taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, u dan taħt dak li hemm maħsub fl-art. 23(3) u 520 ta' l-istess Kodiċi; billi l-Attorney General iddeċieda li ma jiqiegħedx lill-imputat taħt att ta' akkuża, skond id-dispost tal-G.N. 337/1940;

Rat l-imputazzjoni tal-Pulizija kontra l-imputat talli (1) fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Diċembru, 1953 għamel serq ta' kwantità ta' sigarretti u ċikkulata, li l-valur tagħhom ma jeċċedix £3, għad-dannu ta' Wistin Agius, serq aggravat bil-ħin, lok u vjolenza (recte mezz); (2) barra minn dan, il-Marsa, bil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Mejju, 1954, għamel serq ta' flus u sigarretti, li l-valur tagħhom ma jeċċedix £3, għad-dannu ta' Vincent Inglott, serq aggravat bil-ħin u l-vjolenza (recte mezz); (3) talli kiser l-obbligazzjoni taħt il-provvediment ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, li huwa assuma fl-atti ta' dik il-Qorti tal-5 ta' April, 1954;

Rat kopja ta' l-att ta' twelid ta' l-imputat, li minnha jirriżulta li huwa għandu 15-il sena magħluqa f'Settembru, 1954:

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-14 ta' Awissu, 1954, li biha sabet lill-imputat ħati skond l-imputazzjoni, b'dana, però, illi l-kwalifiki huma biss tal-mezz u tal-ħin (u mhux vjolenza, lok u ħin), u talli kiser l-obligazzjoni li huwa assuma fl-atti ta' dik il-Qorti skond kif lilu ordnat bis-sentenza pre-ċitata tal-5 ta' April, 1954, li ma jikkommettix reat ieħor, kif irid l-istess art. 23 tal-Kodiċi Kriminali; u minflok li kkundannatu għal piena, ordnat illi jinżamm fl-Approved School sakemm jagħlaq it-tmintax-il sena;

Rat ir-rikors li bih l-imputat talab li s-sentenza tiġi riformata, fis-sens li minflok li hu jinżamm fl-Approved School sakemm jagħlaq it-tmintax-il sena, jiġi affidat bħala "apprentice" f'idejn persuna serja li tieħu ħsiebu u tkun responsabbli għalih, jew, fil-każ li dan ma jkunx possibbli, li hu jinżamm fl-Approved School għal sentejn biss, u mhux sakemm jagħlaq it-tmintax-il sena;

Trattat l-appell;

**Ikkunsidrat;**

Fuq l-appell hekk limitat:

Il-Qorti tista', skond il-liġi (art. 5 Kap. 75 Ediz. Riv.), tordna illi fl-għeluq tal-kundanna tad-detenzjoni fl-Approved School, jew minflok dik id-detenzjoni, jew f'kull żmien waqt li dik id-detenzjoni tkun miexja, il-minorenni jiġi kundannat bħala apprendista f'sengħa jew mestier utili ma' persuna rispettabbli u ta' fiduċja, li tobbliga ruħha li tkun responsabbli għal dak il-minorenni sakemm jagħlaq tmintax-il sena;

L-appellant, li għalaq il-ħmistax il-sena fit-30 ta' Settembru li għadda (ara dok. fol. 4 ta' l-inkartament), u li hu bin bejjiegħ tal-ħalib, ilu jaħdem xi xahrejn ma' ċertu George Schembri (ara xhieda ta' dan, mismugħa minn din il-Qorti) li hu armat bil-baqar, għandu "talkies", u dippjù kuntrattur. Dan Schembri, li sab lill-appellant soddisfaċenti f'fatt ta' xogħol, pront biex iżommu miegħu jaħdem f'dan ix-xogħol ta' "farm" sakemm jagħlaq tmintax-il sena. Schembri, però,

li, kif ingħad, għandu xogħol ieħor aktar assorbenti ta' l-attività tiegħu, imur biss jagħti tatwila kuljum fil-"farm". iżda jinsab principalment okkupat fix-xogħol l-ieħor. Il-"farm" tinsab il-Marsa, mentri Schembri joqgħod fejn għandu daru, cjoè Birżebbuġa. Hu qal li ma tantx jista' jieħu ħsieb l-appellant. Dan l-appellant, il-Marsa jkun ma' impjegat ieħor jismu *Ġorġ*, li kunjomu lanqas ġie *ndikat*, u li għandu biss 18-il sena; vwoldiri jkunu żewġt itfal weħedhom;

Cert li d-dispożizzjoni tal-liġi ma tistax tirċievi l-applikazzjoni tagħha f'każ *simili*; għax *il-Qorti* ma tistax tagħmel ebda affidament li sejjer ikun hemm persuna li sejra tidħol responsabbli għat-tifel. Lanqas tista' l-kelma "apprentice" ikollha din l-interpretazzjoni pjuttost "loose" tat-tifel impjegat biex jattendi l-baqar, bla ebda idea ta' "training" f'sengħa specifika;

S'intendi, jekk tinsab opportunità oħra aktar accettabbli fis-sens tal-liġi, il-Qorti dejjem tista' tagħti provvedimenti oħra anki fil-kors tad-detenzjoni fl-Approved School skond id-dispożizzjoni fuq citata;

Ma hemmx dubju li hu ferm desiderabbli li f'Malta jinbdew dawk ir-riformi, għar-rigward ta' tfal delinkwenti, li fl-Ingilterra kien "pioneer" tagħhom, almenu mill-1913, il-maġistrat metropolita William Clarke Hall, *intiżi biex jerġgħu jieħdu* t-tfal li jiżbaljaw fuq it-triq it-tajba, billi l-Qrati jkunu ajjutati, *għal dak li jirrigwarda* s-sanzjoni tar-reat, mill-"*Probation Officer*", *li jagħti* lill-Qorti informazzjoni fuq is-"sociological background" tat-tifel, u minn "Child Guidance Clinics", fejn it-tfal delinkwenti jistgħu jinbgħatu u jkunu "adjusted" bil-kuri kollettivi ta' psikjatrija, ta' "educational psychologist", u ta' "psychiatric social workers", magħmulin apposta. Dan id-"desideratum" ġie espress recentement mis-Santità Tiegħu l-Papa f'diskors li għamel fil-15 ta' Ottubru li għadda f'udjenza specjali minnu koncessa lill-"Commission Internationale de la Police Criminelle", komposta *minn xi erbgħa mitt delegat*. F'dan id-diskors, pronunzjat bil-Franciż, il-Papa kkommenta fuq l-isforzi ta' din il-Kummissjoni, fost attivitajiet oħra tagħha.

biex tirrikonduċi d-delinkwent fit-triq it-tajba; u qal dawn il-kliem:

"Une dernière remarque sur la recontre personelle avec le malfaiteur. Il faut que en tous et chacun existe la volonté d'amener le malfaiteur à rèsipiscence et de lui rendre sa place de membre de la société. Qu'on n'hesite pas à chercher les moyens pratiques d'y parvenir ...... On ne devrait jamais se hâter de condamner irrémédiablement un homme, ni l'abandonner totalement. Aider quelq'un à se reprendre, à retrouver le chemin du bien et des buts élevés que propose la raison et la révélation, c'est toujours une bonne action qui porte en elle — même sa récompense. Puisse votre Commission Internationale ...... contribuer à la conversion sincère de beaucoup d'entre eux le encourager à reprendre une vie nouvelle et meilleure";

Kwantu għar-riduzzjoni tat-terminu tad-detenzjoni fl-Approved School, apparti illi d-difensur ma jidhirx li kompla jinsisti fuq dan il-punt fid-diskussjoni orali, din il-Qorti ma ssibx raġunijiet biex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Maġistrat:

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi, fis-sens premess, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.